MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Numru. 1330/2011

Il-**Pulizija**

**(Spettur Yurgen Vella)**

**vs.**

**Peter Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' **Peter Mamo**, bin Joseph u Concetta neé Valvo imwieled Cospicua fl-14 ta' Marzu 1956 u joqghod Stardust, Triq il-Farfett tal-Fejgel, Zabbar detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 229556(M) akkuzat talli fis-6 ta' Dicembru 2010 ghall-habta ta' 07:45hrs fi Triq Ghajn Dwieli, Paola waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MAM 020:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna griehi ta' natura gravi *per durata* fuq

il-persuna ta' John Pisani skont ma' ccertifika Dr. Krystle Blair Theuma M.D.

Il-Qorti giet mitluba illi l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 82) datata 6 ta' Awwissu 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 225(1), 226(1), 218(1)(a), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 328(b), (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17 u 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tad-9 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 93), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-6 ta' Awwissu 2012, f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 115 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012, xehed **PS 1257 Conrad Ellul** (*a fol.* 26 *et seq.*) rigward ir-rapport (*a fol.* 2 *et. seq.*) redatt minnu. Jixhed li mar fuq il-post tal-incident fejn sab vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAM 020 u mutur bin-numru ta' registrazzjoni DBP 785. Jghid li x-xufier tal-mutur (il-parti leza) qal li kellu xi ugiegh f'sieq–u u li ambulanza haditu l-isptar. Jispjega li ha l-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa u hejja l-iskizz ukoll. Jghid li l-incident sehh fi Triq Ghajn Dwieli, Paola, fit-telgha minn Bormla ghal Rahal Gdid.

In kontro-ezami jghid li l-hsarat fil-vettura kienu *front left hand mudguard*. Jghid li l-imputat kien qallu li kien ser jipparkja go *parking bay* u li dak li jidher fl-iskizz huwa dak li ra meta acceda fuq il-post. Jghid li wasal fuq il-post ftit minuti wara l-incident.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012, xehed **John Pisani** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn qal li kien bil-mutur fi triqtu lejn it-telgha ta' Ghajn Dwieli. Jghid li kien hemm traffiku mixi bil-mod. Jispjega li kien qed javvicina r-*roundabout* u li zamm wara l-vettura ta' quddiemu. Jghid li bejnu u l-vettura ta' quddiemu kien hemm distanza biex f'kaz li jieqaf ta' quddiemu, ikun jista' jieqaf anke hu. Jghid li hekk kif kien tiela', u kien qed jibbilancja l-mutur, giet vettura minn naha tal-lemin tieghu misjuqa mill-imputat u baqghet diehla *gas down* go fih bla brejkijiet. Jghid li ha daqqa minn irkopptu l-isfel. Jghid li gie mitfugh taht il-mutur u kif dahlet go fih din il-vettura baqa' jitkaxkar biex qabez il-*line* ta'nofs it-triq. Jghid: *"Indunajt li qabez il-line ta' nofs it-triq ghax meta nizel gol-karrozza ttawwal biex jara li l-karozza tieghu qabzet il-*

*line ta' nofs it-triq"* (*a fol.* 33). Jghid li tkaxkar mal-art u spicca mal-hajt tant li spicca dahru mal-hajt. Jixhed li minhabba l-griehi li kellu, dam l-isptar madwar erba'/hames sieghat. Jghid: *"sabuli zewg ghadmiet minn saqajja l-leminija miksurin ta' fejn subghajja z-zghir u ta' magenbu. Daqqa go rkoppti, daqqa go genbi"* (*a fol.* 35). Jispjega li ghamlulu l-gibs dakinhar tal-incident u li dam bil-krozzi sa Marzu 2011. Jghid li dakinhar li xehed (23 ta' Jannar 2012) ma setghax jitla' sellum. Spjega x'inhuma ritratti li jinsabu mmarkati bhala Dok. "JP 1" (*a fol.* 14). Jispjega li l-imputat kien gej mill-istess direzzjoni tieghu. Jghid li l-imputat mar minn naha ta' barra, cioé mill-karreggjata l-ohra. Jixhed li l-imputat qala' lil min kien qed jistenna.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li qabel l-incident kien hemm vetturi quddiemu u warajh. Jghid li l-vetturi kienu mexjin bil-mod. Jghid li l-vettura ta' quddiemu kienet boghod madwar metru u nofs. Jghid li kien ezatt wara n-numru tal-vettura ta' quddiemu. Ma jafx iwiegeb x'kienet id-distanza bejnu u l-vettura ta' warajh ghax kien qed ihares il-quddiem. Jghid li l-imputat ma laqghatx il-vettura ta' quddiemu (ta' Pisani). Jghid li l-imputat laqtu bil-parti fejn hemm l-*indicator* u l-fanal. Jichad li kien qed jipprova jaqla' l-vettura tal-imputat minn fuq gewwa. Mistoqsi jispjega kif hu spicca fil-*parking bay* kwazi jmiss mal-bankina, iwiegeb: *"Tkun ghaddej b'mutur u tiehu daqqa b'karrozza tigi min-naha tal-lemin, fil-kaz tieghi, u ttik daqqa mhux l-mutur tarmi!"* (*a fol.* 43). Jghid li kien qed jibbilancja l-mutur billi jibbilincjah naqra fuq il-*clutch* u naqra fuq il-*gas*. Jghid li l-vetturi kienu mexjin bil-mod u mhux weqfin. Jispjega li kien qed isuq bi *speed* kemm ma jkollux ghalfejn inizzel saqajh. Jghid li d-daqqa li tah l-imputat kienet qawwija tant li nbaram il-*frame* tal-mutur. Jixhed li meta tah id-daqqa, kaxkarlu l-mutur, telqilha lura u hu (Pisani) nbezaq minn fuq il-mutur. Jghid li din kienet ir-raguni ghala ma baqghax diehel fil-vettura ta' quddiemu. Ra r-ritratti Dok "SMS 1" sa "SMS 4" (*a fol.* 51 u

52). Jghid li kif jidher il-mutur f'dawn ir-ritratti il-mutur gie mressaq lejn il-bankina wara l-akkadut. Jghid li l-mutur kien aktar quddiem il-vettura fil-hin tal-incident. Jispjega li l-*indicator* tal-vettura tal-imputat nkiser ma' rkopptu. Jghid li l-imputat dahal fih b'mod angolat.

John Pisani rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn gie mistoqsi jghid fejn kienu l-hsarat li hu garrab fil-mutur u jghid fil-*footrest* tal-mutur, fejn ipoggi saqajh, cioé f'nofs il-mutur, fuq in-naha tal-lemin tieghu. Jghid ukoll li kellu brix fuq ix-xellug meta gie mal-art. Mistoqsi jghid jekk sakemm marru l-Pulizija fuq il-post, gewx imcaqalqa l-vetturi jghid hekk: *"Le l-vetturi fejn kienu baqghu, meta tani d-daqqa rriversja tikka lura minn ma' l-mutur"* (*a fol.* 69).

John Pisani rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn ezebixxa certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Massimo Abela mmarkat bhala Dok. "JP 1" (*a fol.* 76 *et seq.*) u kif ukoll *survey report* mmarkat bhala Dok. "JP 2" (*a fol.* 80 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehed **Darren Mamo** (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn qal li kien passiggier fil-vettura misjuqa minn missieru l-imputat u jghid li kien bil-qieghda fuq quddiem. Jghid li kienu fit-triq li minn Ghajn Dwieli tiehdok lejn Rahal Gdid. Jispjega li kif waslu quddiem fejn hemm il-Madonna, bdiet tishon il-vettura u kien hemm post fejn setghu jipparkaw il-vettura. Jghid: *"ezatt kif qbizna l-bus stop missieri kien ser jibda jikser biex jidhol go l-parking post u f'daqqa wahda minn fuq il-bus stop jghaddi mutur u jibqa' diehel fuq it-tyre"* (*a fol.* 61) tal-vettura ta' quddiem tax-xellug. Jghid li kienu mexjin bil-mod ghax kien

hemm traffiku. Jghid li missieru ma xeghelx l-*indicator* meta gie biex jikser. Jghid li l-mutur rah l-ewwel darba mal-habta.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, xehed **Dr. Christopher Zarb** (*a fol.* 94 *et seq.*) fejn qal li John Pisani kien ikkonsulta mieghu wara l-incident tat-traffiku in kwistjoni u jghid li Pisani kellu ksur fis-sieq il-leminija fit-tibia u fil-fibola fiz-zewg ghadmiet tas-sieq tan-naha t'isfel u kellu xi ksur ukoll fis-swaba ta' saqajh.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2013, xehed l-imputat **Peter Mamo** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn qal li kien qed isuq il-vettura fi Triq ta' Ghajn Dwieli minn Bormla sejjer fid-direzzjoni ta' Rahal Gdid. Jghid li l-gurnata kienet kiesha hafna u li t-twieqi tal-vettura kienu maghluqin. Jispjega li waqaf fit-*traffic lights* li hemm ftit l-isfel mir-*roundabout* ta' Ghajn Dwieli ghax kien hemm hafna traffiku. Jghid li mieghu kien hemm ibnu. Jixhed li qabel waqaf irrealizza li kienet sahnitlu l-magna tal-vettura, iddecieda li jigbed lejn il-genb biex jipparkja, hares minn gol-mera tan-nofs u ma ra lil hadd warajh. Jghid li habta u sabta ra wicc ihares lejh mill-genb tat-tieqa. Jghid: *"Tal-mutur waqa', jien waqaft wara ftit sekondi, speci ha nghid hekk sakemm irrealizzajt x'gara wkoll, hrigt mill-karrozza, dan l-individwu min kien beda jqum minn mal-mutur u speci beda jimxi ftit ghalkemm izappap. Dak il-hin ghidtlu, bdejt nikkonfrontah nghidlu "m'ghandek xejn, m'ghandek xejn" f'dak is-sens ta' konfort u gibed lejn il-genb tal-hajt fejn hemm is-showroom, intefa' mal-art jigifieri bil-qeghda, x'hin rajtu daqxejn mugugh mhux hazin saqsejtu jekk iridx ambulanza, jien stess cempilt lill-ambulanza"* (*a fol.* 98). Ezebixxa ghaxar ritratti (Dok. "PM 1" sa "PM 10" – *a fol.* 102 *et seq.*). Jispjega li dawn ir-ritratti juru l-pozizjoni ta' kif spiccaw il-vettura u l-mutur ftit minuti wara l-incident. Mistoqsi jghid jekk xi hadd caqlaqx il-vettura jew il-mutur qabel ittiehdu ir-ritratti, wiegeb: *"Jien sa fejn naf jien le.*

*Anzi biex inkun qed nghid kollox fir-ritratti stess hemm il-Pulizija wkoll li kienu prezenti fuq il-post, voldieri kien hemm sorveljanza dak il-hin ukoll"* (*a fol.* 99).

In kontro-ezami jghid li kien bi hsiebu jidhol fil-*parking bay* li hemm quddiem l-*auto-dealer* li hemm fl-akwati. Mistoqsi jekk kellux *indicator* mixghul, jghid li ma kellux ghalfejn. Jaqbel li hemm karreggjata wahda wiesa' hafna. Jghid li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-*mudguard* biss. Mistoqsi jghid jekk kellux hsara taht il-*bumper*, jghid li kellu minn incident precedenti. Mistoqsi jghid jekk ghamilx rapport ta' dan l-incident, iwiegeb fin-negattiv peress li l-incident sehh gol-bieb tal-garaxx tieghu stess. Jghid li l-hsara li ghandu fil-*bumper* m'ghandha x'taqsam xejn mal-incident mertu tal-kawza. Jixhed: *"L-accident gara waqt li jiena kont qed nikser il-gewwa u huwa gej minn naha ta' gewwa ghadda sbrixx minn mieghi u waqa' hekk"* (*a fol.* 100).

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat, ikun opportun li l-ewwel il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward l-incident stradali *per se.*

Illi l-Qorti tinnota li jezistu diversi divergenzi bejn id-depozizzjoni moghtija mill-parti leza John Pisani u dik moghtija mill-imputat. Jirrizulta li l-vettura u l-mutur in kwistjoni kienu qed jigu misjuqa fl-istess direzzjoni: fit-telgha ta' Ghajn Dwieli, li minn Bormla taghti ghal Rahal Gdid. Jirrizulta wkoll li kien hemm traffiku mixi bil-mod. Ta' min jinnota li fejn sehh l-incident, hemm zewg karreggjati: wahda li tiehdok lejn Rahal

Gdid u ohra li tiehdok lejn Bormla. Fiz-zewg gnub tat-triq hemm post fejn jipparkeggjaw il-vetturi.

Illi dak li ma jaqblux fuqu l-parti leza u l-imputat huwa s-segwenti: filwaqt li l-parte leza jghid li kien qed isuq wara l-vettura li kien hemm quddiemu u li l-imputat gie minn warajh minn wara l-lemin tieghu, b'tali mod li dan mar fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq u sehh l-incident wara li l-imputat dahal fih b'mod angolat, l-imputat jghid li peress li kienet sahnitlu l-magna tal-vettura u ddecieda li jipparkeggja l-vettura tieghu fuq in-naha tax-xellug tat-triq, malli hu kiser lejn ix-xellug, sehh l-incident. Filwaqt li l-parti leza jichad li hu mar jaqla' lill-imputat minn gewwa, l-imputat jichad li huwa mar fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq.

Illi, fir-rigward tal-hsarat kagunati fil-mutur u fil-vettura, John Pisani jishaq li filwaqt li kellu hsara bl-impatt fuq in-naha tal-lemin f'nofs il-mutur, fejn ipoggi saqajh, jghid li kellu wkoll hsara, *ossia* brix, fuq in-naha tax-xellug tal-mutur, meta dan gie mal-art.

Da parte tieghu, l-imputat jghid li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-*mudguard* biss. Fir-rigward tal-hsara li tidher fil-*bumper* jghid li din m'ghandha x'taqsam xejn mal-incident mertu ta' din il-kawza u dana peress li din il-hsara giet kagunata minn incident precedenti.

Illi mir-ritratti ezebiti u mmarkati b'numri "3" u "5" (*a fol.* 14) u kif ukoll mi-rapport mediku rilaxxat minn Dr. Massimo Abela

(Dok. "JP 1" – *a fol.* 76 *et seq.*)[1], il-Qorti jirrizultalha li l-impatt fuq il-parti leza kien di fatti fejn effettivament il-part leza jghid li kien, u cioé fuq il-*footrest* tal-lemin u dan *stante* li l-griehi sofferi minnu huma f'saqajh tal-lemin.

Illi minkejja li l-imputat u ibnu jixhdu li l-magna tal-vettura kienet sahnet, ma jirrizultax li l-imputat qal tali fatt meta huwa ta l-verzjoni tieghu lill-Pulizija li kien qed ihejji l-okkorrenza ezatt wara l-akkadut. *Di fatti*, lill-Pulizija, l-imputat qallu biss is-segwenti:

> "Jien kont tiela' t-telgha t'Ghajn Dwieli u harist wara biex nara jekk kienx hemm xi hadd qieghed jaqbizni. Kif qbizt il-*bus stop* gbidt lejn ix-xellug biex nipparkja u dak il-hin qabel ma wasalt fil-*parking spot* hassejt daqqa u ndunajt li mutur kien dahal minn naha tax-xellug ta' quddiem" (*a fol.* 3-4).

Illi, da part tieghu, il-parti leza John Pisani qallu hekk lis-Surgent:

> "Jien kont tielgha t-telgha t'Ghajn Dwieli u kif kont tiela giet karozza u kissret ghal go fija minn wara u spiccajt ma' l-art".

Illi, minn harsa lejn il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa lis-Surgent ezatt wara l-akkadut, minn fejn gew sofferti l-hsarat

---

[1] Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 73), id-difiza ddikjarat li ma kienx hemm kontestazzjoni da parti taghha rigward: (a) il-veracita' ta' dan id-dokument, u (b) dak li xehed John Pisani fl-istess seduta fis-sens illi d-data indikata fir-raba' pagna ta' Dok. "JP 1" (cioé 6 ta' Dicembru 2011) hija wahda skorretta u dan ghar-raguni li hemm qbil li l-incident stradali in kwistjoni sehh fis-6 ta' Dicembru 2010.

fil-vettura u fil-mutur, minn fejn gew kagunati l-griehi sofferti mill-parti leza, minn kif spiccaw il-vettura u l-mutur, u minn dak li xehdu l-parte leza u l-imputat quddiem il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-parti leza jirrizulta li ghandha mis-sewwa u li l-verzjoni tieghu tista' tittiehed bhala kredibbli u bhala wahda veritjiera.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-parti leza John Pisani ta lok sabiex l-incident sehh u li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte tieghu u b'hekk il-parti leza m'ghandux jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.

Ghaldaqstant, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh ghaliex filwaqt li l-parti leza Pisani kien qed isuq fuq il-karreggjata tieghu, l-imputat gie minn warajh fuq il-lemin bil-konsegwenza li gara li gara. Ma jirrizultax li l-parti leza prova jaqla' l-vettura tal-imputat minn gewwa anzi l-Qorti jirrizultalha li l-imputat gie minn wara l-parti leza u ghal xi raguni jew ohra dahal fih b'mod angolat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna griehi gravi involontarji *per durata* minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-

decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

> *"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputat kien zgur negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu. M'hemmx dubju wkoll li l-imputat kellu nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Dan kollu qieghed jinghad meta wiehed jikkunsidra dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza u b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra li bil-manuvra li ghamel l-imputat, cioé li gibed lejn in-naha tax-xellug tat-triq, kienet x'kienet ir-raguni li ghamel hekk, spicca sehh l-incident in kwistjoni bil-konsegwenza li l-parti leza sofra griehi fuq il-persuna tieghu. Il-Qorti ma tirravizax fis-sewqan tal-imputat dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan perikoluz. Apparti minn hekk, jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda mismugha mill-Qorti li l-

griehi sofferti minn Pisani kienu griehi ta' natura gravi, tant li huwa sofra *permanent disability*[2].

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tikkonkludi li l-imputat b'rizultat tal-manuvra tieghu, u l-mod inkonsult li bih ghamilha, kombinata ma nuqqas ta' *proper lookout*, li jammontaw ghal sewqan b'manjiera traskurata, kien hati li kkaguna ferita ta' natura gravi *per durata* fuq il-persuna ta' John Pisani.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-akkuza li giet addebitata lilu, hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-akkuza u l-konsegwenzi li qed jaffaccja l-*parte leza* minhabba l-agir ta' l-

[2] *Vide*: (a) xiehda moghtija mill-parti leza f'dawn il-proceduri; (b) certifikat mediku *a fol.* 7; (c) verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 87) rigward rapport mediku rilaxxat minn Mr. Massimo Abela; (d) rapport mediku *a fol.* 18 *et seq.* li huwa l-istess rapport mmarkat bhala Dok. "JP 1" – *a fol.* 76 *et seq.*); xhieda ta' Dr. Christopher Zarb (*a fol.* 94 *et seq.*).

imputat. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kunsidrat l-insejament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi , frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.
>
> Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f' kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".

Illi, tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 6 ta' Awwissu 2012 u senjatament Artikoli 30, 225(1), 226(1) u 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Peter Mamo hati skond l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' seba' mitt Euro (€ 700.00), kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputat ghal zmien xahrejn li jibdew jghoddu minn-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------